C/2026/731

2.2.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12249 — BLACKSTONE / TPG / HOLOGIC)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/731)

1. Fit-23 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. ("Blackstone"), l-Istati Uniti tal-Amerka, li tappartjeni għall-grupp Blackstone Group Management LLC, l-Istati Uniti tal-Amerika, li hija kkontrollata biss mis-Sur Stephen A. Schwarzman,

— TPG Inc. ("TPG"), l-Istati Uniti tal-Amerka,

— Hologic, Inc. ("Hologic"), l-Stati Uniti tal-Amerka.

Blackstone u TPG se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hologic.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Blackstone hija maniġer tal-assi alternattivi globali.

— TPG hija maniġer tal-assi alternattivi globali.

— Hologic hija żviluppatur, manifattur u fornitur ta' prodotti dijanjostiċi, sistemi ta' imaging mediku u prodotti kirurġiċi ffukati primarjament fuq is-saħħa u l-benesseri tan-nisa permezz ta' detezzjoni u trattament bikrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12249 — BLACKSTONE / TPG / HOLOGIC

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË